**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru 2019**

**Rikors Numru : 247/2018 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**AB, u b'digriet tal-24 ta' Novembru 2018, AB giet nominata bhala kuratrici ad litem ta' uliedha J u S ahwa B.**

**Vs**

**MS**

**U**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' AB, datat 20 ta' Settembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-omm jigifieri l-esponenti kellha relazzjoni mal-intimat u minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt itfal J u S u fuq ic-certifikat tat-twelid taghhom hemm indikat li l-missier huwa "unknown" u dan skond l-annessi certifikati "A" u "B";*

2. *Illi l-intimat huwa dak indikat fil-kawza bl-isem MS;*

3. *Illi ghandu jirrizulta illi l-intimat huma missier il-minuri;*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi prevja kull dikjarazzjoni*

*necessarja u opportuna ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tahtar lil Dr.Marisa Cassar jew kwalsiasi tabib iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tahtar sabiex twettaq testijiet genetici fuq ir-rikorrenti u l-konvenut u l-minuri.*

2. *Tordna lill-konvenut sabiex flimkien mar-rikorrenti jissottometti ruhu ghat-testijiet genetici quddiem Dr. Marisa Cassar jew kwalsiasi tabib iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tahtar.*

3. *Konsegwentement jekk jirrizulta illi l-intimat huwa missier l-minuri tiddikjara u tiddeciedi illi l-istess konvenut huwa l-missier naturali u bijologiku tat-tfal tar-rikorrent u konsegwentement:*

*3.Tordna lid-Direttur Pubbliku jaffettwa l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tat-tfal tar-rikorrenti billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom il-missier minflok "unknown father" jigi sostitwit b'isem u kunjom MS u tordna ukoll illi l-partikolarjiet relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor ghall-eta, ghall-post tat-twelid u residenza u ghall-isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirriferu ghall-missier t-tfal tal-esponenti jigu korretti kontestwalment billi jigi sostitwiti b'dawk il-partikolarjiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smigh tal-kawza;*

4. *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaffettwa l-korrezzjoni mehtiega f'kull att iehor u ssugwenti ghal tali certifikat tat-twelid*

*Bl-ispejjes kontra l-intimati li huma ingunti minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 24 ta' Ottubru 2018, a fol 17 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament, l-esponent huwa tal-umli fehma illi għall-integrita' tal-ġudizzju, il-minuri J u S, aħwa B, għandhom ikunu parti minn din il-kawża,*

*debitament rappreżentati ai termini tal-Artikolu 781, 782 u 783 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

3. *Illi stante s-suespost, l-esponent jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji u umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jiġi vverifikat jekk il-konvenut huwiex verament il-missier naturali tal-minuri;*

4. *Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, 1-esponent jistieden lil konvenut MS sabiex jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, permezz ta' nota li tispeċifika senjatament (1) In-numru tal-karta tal-identita` tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta` tiegħu meta twieldu l-minuri, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieldu l-minuri, (6) Isem u kunjom ta' missieru u (7) Jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldu l-minuri. Tali informazzjoni hija meħtiega sabiex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-minuri;*

5. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandhom jassumu J u S, a tenur tal-Artikolu 92 (5) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.*

Rat rikors ta' AB, presentat seduta stante datat 2 ta' Novembru 2018, a fol 22;

Rat ir-risposta guramentata ta' MS, datata 27 ta' Novembru 2018, a fol 23, li taqra hekk:

1. *Illi huwa mhux qed jopponi ghal-ewwel u t-tieni talba attrici;*

2. *Illi f'kaz illi jirrizulta mit-testijiet genetici illi huwa l-missier naturali ta' J u S, ma jopponix ghat-tielet, ir-raba' u l-hames talba attrici.*

3. *Illi fi kwalunkwe kaz, l-esponenti m'ghandux ibati spejjez.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal datat 10 ta' Lulju 2019 permezz ta liema, il-kontendenti awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat;**

**AB** xehdet permezz t'affidavit a fol 32 illi hija kellha relazzjoni mal-intimat MS u ta' sittax -il sena hija kienet harget tqila bl-ewwel tarbija taghhom, u cioe SB, li llum -il gurnata ghandu hmistax -il sena. Qalet illi minn din ir-relazzjoni kien twieled ukoll JB, li llum ghandu tmien snin. Spjegat illi r-relazzjoni tal-partijiet kienet intemmet meta hija kienet tlett xhur tqila bit-tieni wild, u minn dak iz-zmien l-intimat la hallas manteniment ghal uliedhom u wisq lanqas mar jarahom.

**MS** xehed permezz t'affidavit a fol 44 u kkonferma li hu u AB kellhom relazzjoni u li minn din ir-relazzjoni kienu twieldu l-minuri S u J B. Spjega illi hu kien talab lil B bosta drabi sabiex igibu konferma tal-paternita tat-tfal permezz t'ezami tad-DNA izda hija dejjem irrifjutat u kien ghalhekk illi huwa ma kienx qed ihallas manteniment ghat-tfal.

**Ikkonsidrat;**

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attrici qed titlob illi l-konvenut MS jigi maghruf bhala l-missier naturali tal-minuri SB, li twieled f'X u JB li twieled f'Y, li sal-llum -il gurnata huma ddikjarati bhala ulied missier mhux maghruf. Din il-kawza hija ghalhekk ibbazata fuq l-artikolu 86A tal-

Kodici Civili, li jipprovdi:

> ***"L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi."***

Il-Qorti taghraf illi f'kazijiet bhal dawn il-prova regina huwa l-ezami xjentifiku tad-DNA. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"...f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut…fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri..."*** [1]

Il-Qorti rat illi skont ir-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar, it-testijiet genetici li saru fuq il-konvenut S u z-zewg minuri, jistabilixxu illi l-istess konvenut huwa l-missier bijologiku taz-zewg minuri.[2]

Illi ghalhekk, in vista tax-xhieda tal-partijiet u partikolarment tar-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar, il-Qorti tqis illi gie stabbilit b'mod car u inekwivoku, illi l-konvenut MS huwa l-missier bijologiku tal-minuri S u J B.

Rigward il-kunjoni tal-minuri, il-Qorti rat illi l-partijiet qablu fil-verbal tas-seduta tal-10 ta' Lulju 2019 illi l-kunjom tal-minuri ghandu jkun SB.

**Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tasjteni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku peress li l-meritu taghha gie ezawrit bid-digriet tal-24 ta' Novembru 2018, tilqa' t-talbiet attrici u tiddisponi mill-bqija tal-eccezzjoni tal-konvenuti kif gej:**

**1. Tiddikjara illi l-konvenut MS huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri SB, imwieled lill-attriċi f'X u JB, imwieled lill-attrici f'Y;**

---

[1] **A B vs C D et,** Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Rik. Gru. Nru. 79/16) 25 April 2018.
[2] Fol 35 *et seqq.*

**2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikati tat-twelid tal-minuri S u J, innumerati rispettivament X u Y, fid-dettalji ta' missier it-tarbija, huwa jħassar il-kliem "missier mhux magħruf" u minflok iniżżel id-dettalji tal-konvenut MS detentur tal-karta tal-Identita` Maltija bin-numru W, imwieled il-Pieta u iben CS li kien haj fil-mument tat-twelid taz-zewg minuri, u li l-konvenut MS meta twieled il-minuri S kellu D sena, u kien residenti Z filwaqt li meta twieled J kellu V sena u kien residenti U ;**

**3. Tordna, ai termini tal-Artikolu 92(1) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi l-minuri S u J ikunu magħrufa bil-kunjom SB; u għaldaqstant tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jniżżel annotazzjoni ta' din id-deċiżjoni fuq l-att tat-twelid tal-minuri;**

**L-ispejjeż, inkluzi dawk tad-Direttur Registru Pubbliku, ghandhom jigu sopportati b'mod ugwali mill-attriċi AB u l-konvenut MS.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**